CORPORATE

Il-Grupp tal-BEI

# Politika dwar il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti

Novembru 2018

Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

# POLITIKA DWAR IL-MEKKANIŻMU TAL-ILMENTI TAL-GRUPP TAL-BEI

## Novembru 2018

Werrej

Glossarju....3

PREAMBOLU ....5

POLITIKA....7
1. Kamp ta’ applikazzjoni....7
2. Prinċipji ta’ Gwida....7
3. Amministrazzjoni ħażina ....8
4. L-Ilment ....8
4.1 Ġenerali....8
4.2 Kategoriji ta’ Imenti u tipi ta’ proċedura....9
4.3 Ammissibbiltà....9
4.4 Żmien biex jiġi ttrattat ilment ....10
4.5 Eskalazzjoni għall-Ombudsman Ewropew....11
4.6 Reġim ta’ Divulgazzjoni u Pubblikazzjoni ....11
4.7 Protezzjoni tad-Data ....12
5. Id-Diviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI....12
5.1 Ir-Rwol tad-Diviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti....12
5.2 Awtorità u responsabbiltà....13
5.3 Funzjonijiet....13
5.4 Rappurtar regolari ....14
6. Trattament tal-ilmenti....14
6.1 Kompiti ....14
6.2 Metodoloġija tal-inkjesta ....15
6.3 Konsultazzjoni....16
7. Relazzjonijiet esterni ....17
8. Pubblikazzjoni u Sensibilizzazzjoni....17
9. Reviżjoni u Konsultazzjoni ....18

Anness 1 L-OMBUDSMAN EWROPEW ....19
1. Min jista’ jilmenta?....19
2. Kif isir Ilment....19
3. Suġġett tal-ilment ....19
a. Eliġibbiltà....19
b. Terminu sabiex isiru l-ilmenti....19
c. Eżitu tal-proċedura quddiem l-Ombudsman Ewropew....20

**Glossarju**

**OSĊ:** Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili

**Rapport tal-Konklużjonijiet:** ir-rapport li fih jinsab rekord tal-inkjesta tal-MI-BEI kif ukoll is-sejbiet u l-konklużjonijiet tiegħu f'każijiet li jkunu għaddew minn reviżjoni tal-konformità.

**MI-BEI:** Diviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI.

**Grupp tal-BEI:** Iffurmat fis-sena 2000, dan jikkonsisti fil-BEI u l-FEI.

**BEI:** Il-Bank Ewropew tal-Investiment.

**Il-korpi Governattivi tal-Grupp tal-BEI:** Skont il-membru tal-Grupp tal-BEI kkonċernat bl-ilment, dan it-terminu jista' jindika l-Bord tad-Diretturi tal-BEI u/jew il-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI (BEI) jew il-Kap Eżekuttiv/Viċi Kap Eżekuttiv tal-FEI (FEI) u l-Bord tad-Diretturi tal-FEI.

**Tmexxija tal-Grupp tal-BEI:** Skont il-membru tal-Grupp tal-BEI kkonċernat bl-ilment, dan it-terminu jista' jindika l-Kumitat tat-Tmexxija tal-BEI u/jew id-Diretturi Ġenerali tal-BEI (BEI) jew il-Kap Eżekuttiv tal-FEI (FEI).

**Persunal tal-Grupp tal-BEI:** Il-membri kollha tal-Grupp tal-BEI li għandhom kuntratt ta' impjieg mal-BEI jew mal-FEI.

**Proġett tal-BEI:** Proġett li jirċievi l-assistenza finanzjarja tal-BEI.

**FEI:** Il-Fond Ewropew tal-Investiment.

**KE/VKE tal-FEI:** Kap Eżekuttiv/Viċi Kap Eżekuttiv tal-FEI.

**OE:** L-Ombudsman Ewropew.

**KEPD:** Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

**Rapport ta' Valutazzjoni Inizjali:** Ir-rapport li jinkludi (i) valutazzjoni inizjali tat-tħassib imqajjem mill-ilmentaturi rigward l-impatti ambjentali u soċjali jew aspetti relatati mal-governanza ta' operazzjonijiet/proġetti ffinanzjati mill-Grupp tal-BEI u (ii) proposti konkreti dwar kif wieħed għandu jipproċedi bi proċess kollaborattiv jew investigazzjoni/reviżjoni tal-konformità.

**Rapport tal-Medjazzjoni:** Ir-rapport li jinkludi (i) deskrizzjoni tal-proċess ta' medjazzjoni u (ii) l-eżitu tiegħu, li jiġi kkomunikat lill-partijiet fil-medjazzjoni u lit-Tmexxija tal-BEI u/jew lill-FEI KE/VKE.

**Proċess ta' riżoluzzjoni kollaborattiv:** Il-proċess segwit mill-MI-BEI biex iwassal lill-partijiet għal soluzzjonijiet aċċettabbli b'mod reċiproku u sostenibbli. Dan jinkludi diversi tipi: faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, djalogu/negozjar, tiftix tal-fatti b'mod konġunt u medjazzjoni/konċiljazzjoni formali.

**Ftehim ta' Medjazzjoni:** Il-patt li jinkludi l-punti ta' qbil u l-impenji meħuda mill-partijiet fil-medjazzjoni; ladarba jiġi ffirmat minn dawn tal-aħħar, huwa jagħlaq il-proċess ta' medjazzjoni ġestit mill-MI-BEI.

**Amministrazzjoni ħażina:** Kif definita fil-paragrafu 3.

**Persunal:** Id-dipartimenti rilevanti tar-riżorsi umani fil-Grupp tal-BEI.

**Politika:** Id-dokument tal-Grupp tal-BEI li juri kif il-Grupp tal-BEI jfittex li jaqdi l-missjoni tiegħu f'qasam speċifiku permezz tal-istabbiliment ta' standards.

**Proċeduri:** Dokument tal-Grupp tal-BEI li jittraduċi l-istandards f'termini operattivi billi jistabbilixxi s-sekwenza tal-azzjonijiet jew l-istruzzjonijiet li għandhom jiġu segwiti sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-Grupp tal-BEI mal-istandards tiegħu.

**"Qasam ta' influwenza" tal-proġett:** L-oqsma, l-individwi u l-komunitajiet affettwati lil hinn mill-footprint tal-proġett jew tal-attività bl-impatti kumulattivi mill-iżvilupp ippjanat ulterjuri tal-proġett jew sorsi oħra jew impatti simili fiż-żona ġeografika, kwalunkwe proġett jew kundizzjoni eżistenti, jew żviluppi oħra relatati mal-proġett li jistgħu realistikament ikunu mistennija fiż-żmien li titwettaq id-diliġenza dovuta. Minbarra l-qasam ta' influwenza ġeografika jew spazjali, jenħtieġ li tiġi stabbilita wkoll l-influwenza temporali.

**Regolamenti:** Is-sorsi sekondarji tad-Dritt tal-UE; dawn id-dokumenti huma ta' natura leġiżlattiva vinkolanti.

**Jum tax-xogħol:** Kwalunkwe jum (għajr is-Sibt u l-Ħadd, il-btajjel legali fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu jew il-btajjel tal-banek) li fih il-Grupp tal-BEI jista' jagħmel negozju.

**Standards:** Ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità tal-azzjoni tal-Grupp tal-BEI (eż. fir-rigward tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti ffinanzjati mill-BEI, il-BEI jistabbilixxi standards ambjentali u soċjali għall-operazzjonijiet tiegħu).

**TFUE:** It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## PREAMBOLU

Il-Grupp tal-BEI jikkonsisti fil-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)[1] u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI)[2]. Il-BEI huwa l-korp ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea (UE), u l-kapital tiegħu huwa sottoskritt mill-Istati Membri tal-UE. L-Istatut tal-BEI huwa Protokoll mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu, il-Grupp tal-BEI huwa marbut bit-Trattati u bl-Istatuti tal-BEI u tal-FEI kif ukoll bil-qafas leġiżlattiv u regolatorju rilevanti tal-Unjoni Ewropea. Il-Grupp tal-BEI għalhekk għandu jopera b'mod li jiżgura li d-diversi attivitajiet tiegħu jappoġġaw u jimplimentaw il-politiki tal-UE. Fi ħdan il-Grupp, il-BEI jipprovdi prinċipalment self bankarju għal żmien twil u medju, filwaqt li l-FEI jispeċjalizza f'operazzjonijiet ta' ekwità privata u jipprovdi garanziji u kontrogaranziji għall-benefiċċju tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs). Lista mhux eżawrjenti tad-dokumenti ta' politika tal-BEI u tal-FEI hija disponibbli rispettivament fis-sit web tal-BEI f'http://www.eib.org/about/partners/cso/key-policies/index.htm, u fis-sit web tal-FEI f'http://www.eif.org/news_centre/publications/all/index.htm.

Bħala parti mill-qafas istituzzjonali tal-UE u fil-limiti stabbiliti mit-Trattati, il-BEI u l-FEI huma soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri teżamina l-użu tal-fondi tal-UE ġestiti mill-Grupp tal-BEI. Barra minn hekk, l-attivitajiet tal-Grupp tal-BEI jaqgħu taħt il-mandat tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), kif stabbilit mir-Regolament KE 883/2013, u huma soġġetti għall-mandat tal-Ombudsman Ewropew (OE) u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD). Il-kondotta tal-BEI tista' tiġi kkontestata wkoll quddiem il-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

It-Trattati u l-Istatut tal-BEI jipprovdu lill-BEI b'awtonomija operattiva u finanzjarja sabiex ikun jista' jaħdem b'mod effettiv bħala istituzzjoni finanzjarja. Il-BEI huwa sieħeb importanti fis-settur finanzjarju, speċjalment meta jissellef mis-swieq kapitali u jiffinanzja proġetti. Il-BEI jaħdem ukoll mill-qrib ma' Istituzzjonijiet ta' Finanzjament Internazzjonali (IFIs), Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) u Banek Bilaterali tal-Iżvilupp (BDBs) oħra, b'mod partikolari meta jopera fil-qafas tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-politiki ta' kooperazzjoni esterna tal-UE.

Il-FEI huwa l-fornitur ewlieni tal-UE għall-finanzjament tar-riskju għall-intrapriżi żgħar u medji u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, u l-missjoni ċentrali tiegħu hija li jiffaċilita l-aċċess tagħhom għall-finanzi. Il-FEI jfassal u jiżviluppa prodotti ta' kapital ta' riskju u tkabbir, garanziji u strumenti ta' mikrofinanzjament, li għandhom fil-mira speċifikament dan is-segment tas-suq. F'dan ir-rwol, il-FEI jippromwovi l-objettivi tal-UE b'appoġġ għall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-intraprenditorija, it-tkabbir u l-impjiegi.

Il-Grupp tal-BEI jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jikkonformaw mal-liġijiet u l-politiki tal-UE. Fil-pajjiżi fejn dawn ma jkunux applikabbli, il-BEI jużа l-liġi u l-politiki tal-UE bħala l-aħjar punt ta' referenza meta jwettaq l-attivitajiet tiegħu. Fl-operazzjonijiet tiegħu ta' kuljum, il-Grupp tal-BEI jqis ukoll l-istandards u l-prattiki applikati mill-komunità bankarja u finanzjarja, b'mod partikolari f'oqsma li mhumiex koperti direttament mid-dritt tal-UE.

Il-ġestjoni ta' kwalunkwe tip ta' lment hija responsabbiltà tal-Grupp kollu billi tgħin lill-Grupp tal-BEI jtejjeb il-prestazzjoni u l-prodotti tiegħu. Għal dan il-għan, u abbażi ta' Memorandum ta' Qbil (MtQ) iffirmat mal-Ombudsman Ewropew, il-Grupp tal-BEI għandu Mekkaniżmu tal-Ilmenti fuq żewġ livelli kompost minn livell intern – id-Diviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti – u wieħed estern – l-Ombudsman Ewropew. Din is-sistema b'żewġ livelli, b'korp estern u indipendenti, tagħmel il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti uniku fost l-istituzzjonijiet multilaterali tal-iżvilupp.

Sabiex isaħħaħ u jifformalizza l-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tiegħu, il-Grupp tal-BEI jippubbblika l-Politika u l-Proċeduri rilevanti rigward l-immaniġġjar tal-ilmenti minn membri tal-pubbliku li huma, jew iħossuhom li huma, affettwati mid-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet jew l-ommissjonijiet tal-Grupp tal-BEI. Il-Politika u l-Proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti ġew stabbiliti għall-Grupp tal-BEI.

Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI huwa għodda ta' akkontabilità pubblika, parti mill-kuntest istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea. Huwa jippermetti soluzzjoni alternattiva u antiċipatorja tat-tilwim bejn l-ilmentaturi u l-Grupp tal-BEI. Barra minn hekk, id-Diviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tassisti lill-Grupp tal-BEI, għall-għan komuni ta' amministrazzjoni tajba, billi tagħti pariri dwar titjib possibbli fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu.

[1] Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) – www.eib.org
[2] Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) – www.eif.org

Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI huwa li jiżgura d-dritt li jinstemgħu u d-dritt li jilmentaw, tal-partijiet interessati tal-Grupp tal-BEI, u b'hekk isemmgħu t-tħassib tagħhom dwar l-amministrazzjoni ħażina.

Dan id-dokument ma għandux jitqies li jagħti xi drittijiet addizzjonali ta' aċċess għall-ġustizzja lill-persuni li jressqu lment skont il-proċedura ppreżentata hawnhekk.

Fit-12 u t-13 ta' Novembru 2018, wara proċess ta' konsultazzjoni pubblika, il-Bordijiet tad-Diretturi tal-BEI u tal-FEI approvaw din il-verżjoni tal-Politika dwar il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI.

## POLITIKA

### 1. Kamp ta' applikazzjoni

1.1. Il-Politika u l-Proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI japplikaw għall-ilmenti ta' allegata amministrazzjoni ħażina ppreżentati kontra l-Grupp tal-BEI.

1.2. Meta jeżerċita d-dritt li jippreżenta lment kontra l-Grupp tal-BEI, kwalunkwe membru tal-pubbliku għandu aċċess għal proċedura fuq żewġ livelli, waħda interna – quddiem id-Diviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti (MI-BEI) – u waħda esterna – quddiem l-OE. Għal dan il-għan, il-BEI u l-OE ffirmaw MtQ fl-2008.

1.3. Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI huwa proċess li jinvolvi l-interazzjoni tal-atturi kollha involuti u huwa mmexxi u kkoordinat mill-MI-BEI.

1.4. Membri tal-pubbliku li ma jafux il-politiki, il-proċeduri jew l-istandards li japplikaw għall-Grupp tal-BEI jistgħu jissottomettu wkoll ilmenti. Huma ma għandhomx għalfejn jidentifikaw il-politika, il-proċedura jew l-istandard speċifiku/speċifika u lanqas ma għandhom għalfejn jikkontestaw direttament in-nuqqas ta' konformità tal-Grupp tal-BEI ma' politiki, proċeduri jew standards speċifiċi.

1.5. Il-politika tal-Grupp tal-BEI dwar il-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' kondotta pprojbita fl-attivitajiet tal-BEI u tal-FEI tapplika għal allegazzjonijiet dwar frodi, korruzzjoni, kollużjoni, koerċizzjoni, impediment, ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu ("kondotta pprojbita"). Aktar informazzjoni dwar kif għandhom jiġu rrappurtati tali allegazzjonijiet hija disponibbli fuq is-sit web tal-BEI3 u fuq is-sit web tal-FEI4 rispettivament.

1.6. Is-sottomissjoni ta' lment lill-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli li bihom l-ilmentatur(i) jista'/jistgħu jitħalla/jitħallew jibda/jibdew proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, b'mod konformi ma' u taħt il-kundizzjonijiet stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

1.7. Barra minn hekk, kif stabbilit mill-Artikolu 27 tal-Istatut tal-BEI, it-tilwim bejn il-BEI fuq naħa u l-kredituri u d-debituri tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra fuq in-naħa l-oħra, jiġi deċiż mill-qrati nazzjonali kompetenti, ħlief fejn il-ġurisdizzjoni tkun ingħatat lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

### 2. Prinċipji ta' Gwida

2.1 Soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni legali applikabbli, il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI għandu jkun *trasparenti* fl-operat u l-eżiti tiegħu.

2.2 L-MI-BEI għandu jkun *indipendenti* mis-servizzi tal-Grupp tal-BEI li jkunu responsabbli għall-attivitajiet ikkontestati mill-ilmentatur(i).

2.3 L-MI-BEI għandu jkun effettiv billi jirrispondi *tempestivament* għat-tħassib rigward amministrazzjoni ħażina espress minn persuni li huma jew li jħossuhom affettwati mid-deċiżjonijiet tal-Grupp tal-BEI.

2.4 L-MI-BEI għandu jkun *aċċessibbli* għall-persuni affettwati, ir-rappreżentanti tagħhom u/jew organizzazzjonijiet jew individwi interessati. L-objettiv prinċipali tiegħu għandu jkun li jeżamina u janalizza l-ilmenti bil-għan li jħejji risposti sostantivi u f'waqthom.

2.5 Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, l-iżvilupp tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI għandu jkun soġġett għal proċess ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa mad-diversi partijiet interessati tal-Grupp tal-BEI.

2.6 Dawk li jressqu lment lill-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI ma għandhom jiġu soġġetti għal ebda forma ta' ritaljazzjoni, abbuż jew xi tip ta' diskriminazzjoni minħabba l-fatt li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom li jagħmlu lment. Dan għandu japplika għall-Grupp tal-BEI kif ukoll għal kwalunkwe kontroparti li tkun f'relazzjoni ta' negozju mal-Grupp tal-BEI. Il-Grupp tal-BEI huwa impenjat li jieħu passi biex jipprevjeni u jindirizza r-riskji potenzjali ta' rappreżalja kontra l-ilmentaturi u l-persuni relatati mal-ilment.

[3] http://www.eib.org/infocentre/publications/all/anti-fraud-policy.htm
[4] http://www.eif.org/news_centre/publications/anti_fraud_policy.htm?lang=-en

## 3. Amministrazzjoni ħażina

3.1. Amministrazzjoni ħażina tfisser amministrazzjoni fqira jew falluta. Din isseħħ meta l-Grupp tal-BEI jonqos milli jaġixxi skont regola jew prinċipju li jkunu vinkolanti fuqu, inklużi l-politiki, l-istandards u l-proċeduri proprji tiegħu. Eżempji ta' amministrazzjoni ħażina jinkludu irregolaritajiet amministrattivi, diskriminazzjoni illegali, rifjut mhux ġustifikat li tingħata informazzjoni, abbuż ta' poter, dewmien bla bżonn kif ukoll in-nuqqas mill-Grupp tal-BEI li jikkonforma mal-obbligi proprji tiegħu fil-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta' proġetti ffinanzjati mill-Grupp tal-BEI.

3.2. Il-kunċett ta' amministrazzjoni ħażina jinkludi n-nuqqas mill-Grupp tal-BEI li jikkonforma mad-drittijiet tal-bniedem[5], mal-liġi applikabbli, jew mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

3.3. L-amministrazzjoni ħażina tista' tkun relatata wkoll mal-impatti ambjentali jew soċjali tal-attivitajiet tal-Grupp tal-BEI u ma' politiki relatati maċ-ċiklu ta' proġett u politiki applikabbli oħra tal-Grupp tal-BEI. L-obbligi tal-Grupp tal-BEI fir-rigward tal-konformità tal-proġetti mal-liġi nazzjonali u tal-UE huma definiti fil-politiki u l-proċeduri tiegħu.

3.4. Amministrazzjoni ħażina dejjem tirreferi għall-istituzzjoni (membru tal-Grupp tal-BEI) u ma tirreferix għal membri individwali tal-persunal tal-istituzzjoni.

## 4. L-Ilment

### 4.1 Ġenerali

4.1.1 Ilment huwa definit bħala komunikazzjoni bil-miktub dwar allegata amministrazzjoni ħażina mill-Grupp tal-BEI, li tista' twassal għal azzjoni mill-Grupp tal-BEI bil-għan li terġa' tiġi stabbilita l-konformità u mġiba amministrattiva tajba[6].

4.1.2 L-ilmenti jvarjaw fin-natura tagħhom u għandhom jiġu ppreżentati quddiem istituzzjonijiet/funzjonijiet speċifiċi skont is-suġġett tal-ilment.

4.1.3 Ilment jista' jiġi ppreżentat permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub indirizzata lill-Grupp tal-BEI, preferibbilment permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz elettroniku ddedikat complaints@eib.org, billi timtela l-formola ta' lment online, disponibbli fl-indirizz li ġej: http://www.eib.org/complaints/form,,, permezz ta' faks jew billi jitwassal direttament għand l-MI-BEI, kwalunkwe uffiċċju ta' rappreżentanza lokali tal-Grupp tal-BEI jew kwalunkwe membru tal-persunal tal-Grupp tal-BEI.

4.1.4 L-ilmentaturi jistgħu jiktbu b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għandhom id-dritt li jirċievu risposta bl-istess lingwa. Għall-ilmenti li ma jiġux ippreżentati f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE, l-ilmentaturi għandhom jiġu infurmati b'din id-dispożizzjoni u jintalbu jipprovdu kopja tal-ilment f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE. Għal ilmenti relatati ma' operazzjonijiet ta' self barra mill-UE, l-MI-BEI se jipprova, kull meta jkun possibbli, jipproċessa l-ilmenti u d-dokumenti fil-lingwa nazzjonali uffiċjali tal-pajjiż tal-proġett.

4.1.5 Is-suġġett tal-ilment (li preferibbilment jinkludi l-allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina) irid jiġi ddikjarat b'mod ċar kif ukoll, jekk ikun possibbli, it-talbiet tal-ilmentatur, jiġifieri dak li l-ilmentatur jippretendi li jikseb konkretament bl-ilment. L-informazzjoni rilevanti kollha għandha tiġi pprovduta bħala parti mill-ilment. L-ilmentatur jista' jitlob investigazzjoni/reviżjoni tal-konformità jew medjazzjoni. Kull meta jkun neċessarju, l-MI-BEI, permezz ta' korrispondenza ulterjuri, jista' jfittex li jikkjarifika s-sustanza tat-tħassib tal-ilmentatur. Fejn ilment ikun ifformulat b'mod ġenerali, l-MI-BEI jista' jidentifika l-elementi kollha li, essenzjalment, iridu jinftiehmu li huma allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina li jaqgħu taħt il-mandat tal-MI-BEI.

4.1.6 Il-membri tal-pubbliku huma mħeġġa jindirizzaw it-talbiet għall-aċċess għall-informazzjoni kif ukoll kwalunkwe mistoqsija dwar il-faċilitajiet ta' finanzjament, il-programmi, l-attività, l-organizzazzjoni u l-objettivi tal-BEI jew tal-FEI rispettivament lil infodesk@eib.org jew info@eif.org.

---

[5] Għall-proġetti li jiffinanzja, il-Grupp tal-BEI jsegwi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jirrifletti l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u d-Dikjarazzjoni Universali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

[6] http://www.eib.org/infocentre/publications/all/code-of-good-administrative-behaviour-for-the-staff-of-the-eib-in-its-relations-with-the-public.htm?lang=-en

4.2 **Kategoriji ta' Ilmenti u tipi ta' proċedura**

4.2.1 It-tipi ta' proċeduri, deskritti b'mod sħiħ fil-Proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI, huma dawn li ġejjin:

- "***Proċedura standard***" – tapplika għall-ilmenti kollha sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fil-Proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI.
- ***"Proċedura estiża"*** – tapplika għall-ilmenti tat-tipi E u F.
- ***"Proċedura simplifikata"*** – tapplika għal ilmenti li jkunu ta' soluzzjoni faċli u ta' malajr. Dawn huma b'mod partikolari dawk li – minħabba n-natura tat-tħassib imqajjem fl-ilment – jistgħu jiġu indirizzati b'ittra b'mod aktar malajr u aktar effettiv milli permezz tal-passi proċedurali tal-Proċedura standard.

4.2.2 Barra minn hekk, il-***"Proċedura ta' Prevenzjoni (PR)"*** – tapplika għal ilmenti tat-tipi E u F meta l-allegata attività tirrigwarda deċiżjoni jew azzjoni li tkun għadha ma tteħditx jew, fil-każ ta' ommissjoni, iż-żmien biex il-Grupp tal-BEI jieħu azzjoni jkun għadu ma skadiex u s-servizzi tal-Grupp tal-BEI għalhekk jingħataw l-opportunità biex jindirizzaw it-tħassib imqajjem mill-ilmentatur.

| | **Tipi ta' Ilment** |
|---|---|
| **Ilmenti relatati ma' proġetti/operazzjonijiet** | **A** – Aċċess għall-informazzjoni |
| | **E** – Impatti ambjentali u soċjali tal-proġetti/operazzjonijiet iffinanzjati |
| | **F** – Aspetti ta' governanza tal-operazzjonijiet iffinanzjati |

| | **Tipi ta' Ilment** |
|---|---|
| **Ilmenti mhux relatati ma' proġetti/operazzjonijiet** | **A** – Aċċess għall-informazzjoni |
| | **C** – Relazzjonijiet mal-klijenti u l-investituri |
| | **G** – Governanza/amministrazzjoni proprja, inkluż l-akkwist proprju |
| | **H** – Riżorsi umani |

4.3 **Ammissibbiltà**

4.3.1 Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tallega każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Grupp tal-BEI fid-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet u/jew l-ommissjonijiet tiegħu, tista' tippreżenta Ilment.

*Ilmenti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Politika dwar l-MI-BEI*

4.3.2 Ilmenti kontra organizzazzjonijiet internazzjonali, kontropartijiet tal-Grupp tal-BEI bħal Mutwatarji/Promoturi, istituzzjonijiet u korpi tal-UE, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali (eż. dipartimenti tal-gvern, aġenziji statali u kunsilli lokali), ma jiġux ittrattati mill-MI-BEI. F'każijiet bħal dawn, l-MI-BEI jista' jinforma lill-ilmentatur bil-possibbiltà li jindirizza l-ilment lil awtorità oħra, li tista' tkun kompetenti biex tittratta l-każ tiegħu/tagħha.

4.3.3 L-ilmenti li jikkontestaw il-legalità ta' politiki tal-BEI/FEI deċiżi mill-Korpi ta' Governanza tal-BEI/FEI ma jiġux ittrattati mill-MI-BEI iżda jiġu indirizzati mis-Segretarju Ġenerali tal-BEI jew mill-KE/VKE tal-FEI rispettivament.

4.3.4 L-ilmenti li jirrigwardaw il-mandat ta' investiment tal-Grupp tal-BEI, id-deċiżjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment tiegħu per se, il-politika ta' kreditu tiegħu, jew deċiżjonijiet diskrezzjonali purament kummerċjali jew bankarji, ma jiġux ittrattati mill-MI-BEI.

4.3.5 L-ilmenti ppreżentati mill-persunal tal-Grupp tal-BEI ma jiġux ittrattati mill-MI-BEI. Każijiet bħal dawn jiġu ttrattati minn mekkaniżmi interni rilevanti oħra, bħal dawk taħt ir-responsabbiltà tar-Riżorsi Umani għall-Persunal u l-FEI, skont kif ikun il-każ, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u/jew id-Direttorat għall-Konformità (OCCO) u l-Konformità tal-FEI, skont kif ikun il-każ, għal każijiet relatati mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Grupp tal-BEI.

4.3.6 Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI ma jistax jittratta Ilmenti dwar akkwisti għal proġetti, li jaqgħu fi ħdan il-mandat tas-Sistema tal-Ilmenti dwar l-Akkwisti għal Proġetti tal-BEI.

4.3.7 Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI ma jistax jittratta allegazzjonijiet ta' kondotta pprojbita kif definita fil-Politiki tal-Grupp tal-BEI Kontra l-Frodi[7]; dawn jiġu ttrattati mis-servizzi kompetenti tal-Grupp tal-BEI. Jekk, matul l-inkjesta, jidher li xi allegazzjonijiet jikkonċernaw kondotta pprojbita, il-parti rilevanti tal-ilment tiġi mgħoddija lis-servizzi kompetenti tal-Grupp tal-BEI skont il-politiki u l-proċeduri applikabbli tal-Grupp tal-BEI.

4.3.8 Fejn l-ilment (i) ikun diġà tressaq kontra membru tal-Grupp tal-BEI quddiem mekkaniżmi ta' reviżjoni amministrattivi jew ġudizzjarji oħra, jew (ii) jitressaq sussegwentement, jew (iii) ikun diġà ġie solvut mill-mekkaniżmi ta' reviżjoni amministrattivi jew ġudizzjarji rilevanti l-oħra, l-MI-BEI ma jistax jittrattah. Madankollu, reviżjonijiet pendenti jew konklużi ta' lmenti kontra parti terza quddiem mekkaniżmi ta' reviżjoni amministrattivi jew ġudizzjarji oħra ma jipprekludux lill-MI-BEI milli jirrevedi l-azzjonijiet tal-Grupp tal-BEI għal atti ta' amministrazzjoni ħażina.

4.3.9 Jekk ilment ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Politika dwar l-MI-BEI u dipartiment intern ieħor tal-BEI jkun kompetenti sabiex jittratta dak l-ilment, l-MI-BEI jirreferi l-ilment lid-dipartiment rilevanti, f'konformità mal-kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba għall-persunal tal-BEI fir-relazzjonijiet tiegħu mal-pubbliku.

*Kriterji ta' ammissibbiltà*

4.3.10 L-ilmenti jridu jiġu ppreżentati fi żmien sena mid-data li fiha l-fatti li fuqhom tkun ibbażata l-allegazzjoni setgħu raġonevolment ikunu magħrufa mill-ilmentatur.

4.3.11 Ilmenti minn partijiet anonimi, ilmenti mingħajr dettalji ta' kuntatt bħall-indirizz postali jew l-indirizz elettroniku tal-ilmentatur, u lmenti li jkollhom l-objettiv li jinkiseb vantaġġ ekonomiku kompetittiv jew li jkunu eċċessivi, ripetittivi, ta' natura frivola jew malizzjuża ċara, mhumiex ammissibbli.

4.3.12 Ilmenti li jirrigwardaw operazzjonijiet ta' self u li jaqgħu fi ħdan it-tipi E jew F huma ammissibbli sakemm il-Grupp tal-BEI jkun iffinanzja, approva jew tal-anqas ikun qiegħed jikkunsidra attivament li jiffinanzja[8] l-operazzjoni/proġett.

*Ilmenti relatati mal-proġett*

4.3.13 Għalkemm l-ilmenti jistgħu jkunu ammissibbli, jista' jkun hemm limitazzjonijiet fit-trattament ta' lmenti ppreżentati meta r-relazzjoni kuntrattwali mal-Mutwatarju/Promotur ma tkunx għadha teżisti (eż. wara rimborż sħiħ tas-selfa) billi l-BEI ma għandu l-ebda possibbiltà li jerġa' jistabbilixxi l-konformità.

4.3.14 Il-konformità ta' proġett mal-istandards internazzjonali, tal-UE, nazzjonali jew lokali, hija r-responsabbiltà tal-Promotur tal-proġett u tal-awtoritajiet lokali. Madankollu, il-Grupp tal-BEI għandu d-dmir li jivverifika l-konformità mal-politiki, il-proċeduri jew l-istandards applikabbli. L-ilmenti jistgħu jirrigwardaw kwalunkwe aspett tal-ippjanar, l-implimentazzjoni, jew l-impatt tal-proġetti tal-Grupp tal-BEI, inkluż iżda mhux limitati għal:

- Id-diliġenza dovuta tal-proġett;
- L-adegwatezza tal-miżuri għall-mitigazzjoni tal-impatti soċjali u ambjentali tal-proġett;
- L-arranġamenti għall-involviment tal-komunitajiet, il-minoranzi, u l-gruppi vulnerabbli affettwati, fil-proġett;
- Il-monitoraġġ tal-proġett.

## 4.4 Żmien biex jiġi ttrattat ilment

4.4.1 Il-Grupp tal-BEI se jipprova jirrispondi kemm jista' jkun malajr u se jiżgura li d-dewmien u l-avviżi imposti u/jew maqbula jiġu rrispettati.

4.4.2 L-iskadenza għat-tweġiba finali tiddependi fuq it-tip ta' lment u hija definita fil-Proċeduri. Għal raġunijiet ġustifikati, l-iskadenza tista' tiġi estiża, wara li l-ilmentatur jiġi infurmat b'dan. L-ipproċessar ta' lmenti ppreżentati f'lingwi tal-UE għajr il-lingwi ta' ħidma tal-BEI (Franċiż u Ingliż) jista' jirrikjedi skadenzi estiżi minħabba d-dewmien ikkawżat mit-traduzzjoni.

[7] Kondotta pprojbita tinkludi korruzzjoni, frodi, kollużjoni, koerċizzjoni, impediment, ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu. Ara l-Politika Kontra l-Frodi tal-BEI f'http://www.eib.org/attachments/strategies/anti_fraud_policy_20130917_en.pdf u l-Politika Kontra l-Frodi tal-FEI f': http://www.eif.org/attachments/publications/about/Anti_Fraud_Policy.pdf
[8] Id-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija li jagħmel valutazzjoni hija d-deċiżjoni formali li jikkunsidra attivament li jiffinanzja l-proġett.

4.4.3 Kull meta l-MI-BEI ma jkunx jista' jipprovdi risposta lill-ilmentatur sal-iskadenzi preskritti, l-MI-BEI jinforma lill-ilmentatur b'dan, qabel ma tgħaddi l-iskadenza, u jagħti r-raġunijiet għad-dewmien.

4.4.4 Fil-każ ta' medjazzjoni relatata ma' lmenti tat-tipi E u F, l-iskadenzi jiġu estiżi f'konsultazzjoni mal-ilmentatur sabiex ikunu jistgħu jiġu involuti b'mod komprensiv il-partijiet interessati u sabiex jiġu ġestiti l-aspettattivi leġittimi.

4.4.5 Fid-dawl tal-karatteristiki speċifiċi tal-ilmenti fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni (ilmenti "A"), l-MI-BEI jipprova jipproċessa l-inkjesta fl-iqsar żmien. Kull fejn ikun possibbli, l-MI-BEI jistabbilixxi l-oqfsa taż-żmien f'konsultazzjoni mal-ilmentatur.

## 4.5 Eskalazzjoni għall-Ombudsman Ewropew

4.5.1 L-ilmentaturi li ma jkunux sodisfatti bl-eżitu tal-proċedura quddiem l-MI-BEI jew bit-tweġiba tal-Grupp tal-BEI, jistgħu jressqu lment ta' amministrazzjoni ħażina kontra l-Grupp tal-BEI quddiem l-OE.

4.5.2 Fir-risposta finali tiegħu, il-Grupp tal-BEI jiżgura li l-ilmentaturi jiġu infurmati bil-possibbiltà li jippreżentaw ilment lill-OE.

4.5.3 L-OE ġie stabbilit fl-1992 mit-Trattat ta' Maastricht sabiex jittratta lmenti dwar allegata amministrazzjoni ħażina mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, iċ-ċittadini u/jew ir-residenti tal-UE jistgħu jippreżentaw ilment dwar allegata amministrazzjoni ħażina kontra l-Grupp tal-BEI quddiem l-OE, jekk iqisu li r-risposta tal-Grupp tal-BEI ma tkunx sodisfaċenti.

4.5.4 Sabiex isaħħu l-aċċessibbiltà tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI għaċ-ċittadini mhux tal-UE li ma joqogħdux f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE, il-BEI u l-OE ffirmaw Memorandum ta' Qbil (MtQ) li skontu, jekk ilment ma jkunx ammissibbli fuq il-bażi biss tal-Artikolu 195 tat-Trattat KE (issa l-Artikolu 228 TFUE)9, l-OE jintrabat li juża s-setgħa ta' inizjattiva proprja tiegħu b'mod sistematiku sabiex jittratta lmenti ppreżentati minn ilmentaturi mhux mill-UE.

4.5.5 Barra minn hekk, il-MtQ jistabbilixxi arranġamenti ta' ħidma fir-rigward tal-punt ta' bidu tal-inkjesta tal-OE, il-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni tal-OE u r-rikonoxximent tal-mekkaniżmu intern tal-BEI bħala l-approċċ amministrattiv preċedenti mitlub mill-Artikolu 2.4 tal-Istatut tal-Ombudsman tal-OE[10]. Informazzjoni addizzjonali dwar l-OE hija mogħtija fl-Anness 1.

## 4.6 Reġim ta' Divulgazzjoni u Pubblikazzjoni

4.6.1 Għal skopijiet ta' trasparenza, l-ilmenti huma meqjusa bħala mhux kunfidenzjali. Trattament mhux kunfidenzjali jfisser li l-Grupp tal-BEI għandu permess jiżvela l-informazzjoni kkomunikata fi kwalunkwe rappreżentazzjoni lill-partijiet rilevanti interni u esterni biex jieħdu ħsieb l-ilment.

4.6.2 L-ilmentaturi għandhom id-dritt li jindikaw fil-komunikazzjoni tagħhom li l-ilment tagħhom għandu jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali. Trattament kunfidenzjali jista' jillimita severament il-kapaċità tal-MI-BEI li jipproċessa l-ilment, u ma jistax jeħles lill-Grupp tal-BEI mill-obbligu li jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti tal-UE b'aċċess għall-ilment.

4.6.3 Fil-ħin tal-konferma tar-riċevuta, l-ilmentaturi jiġu mitluba jindikaw jekk jaqblux li l-MI-BEI jikkomunika l-ismijiet tagħhom lil partijiet interessati esterni.

4.6.4 Sakemm ma tkunx intalbet il-kunfidenzjalità sħiħa mill-ilmentatur, kull ilment ammissibbli jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-BEI flimkien ma' sommarju tal-każ, il-konklużjonijiet tal-MI-BEI u r-rapporti rilevanti. L-identità tiġi ppubblikata biss jekk l-ilmentatur ikun ta l-kunsens (l-Artikolu 4.6.3).

4.6.5 L-aċċess għall-informazzjoni dwar kwalunkwe dokument relatat mal-ilment huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Politika ta' Trasparenza tal-Grupp tal-BEI.

4.6.6 It-talbiet għall-informazzjoni fformulati bħala parti mill-ilment jew mill-korrispondenza ulterjuri tal-ilmentatur(i) jistgħu jirrikjedu żminijiet itwal mit-talbiet ippreżentati direttament lis-servizzi kompetenti tal-Grupp tal-BEI permezz tal-proċeduri stabbiliti mill-Politika ta' Trasparenza tal-Grupp tal-BEI.

---

[9] L-ilmentatur mhux ċittadin/residenti ta' (jew, fil-każ ta' persuna ġuridika, huwa ma jkollux uffiċċju rreġistrat fi) wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

[10] Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262 tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman, ĠU 1994, L 113 p. 15.

4.7 **Protezzjoni tad-Data**

4.7.1 L-ilmenti jistgħu jinkludu data personali dwar l-ilmentatur(i), jew parti terza. L-ipproċessar ta' data personali mill-Grupp tal-BEI huwa regolat mir-regoli rilevanti tal-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

## 5. Id-Diviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI

### 5.1 Ir-Rwol tad-Diviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti

5.1.1 Id-Diviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti (MI-BEI) hija s-servizz tal-Grupp tal-BEI responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Politika u l-Proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti, inklużi l-istatus, l-awtorità, ir-responsabbiltajiet, ir-regoli ta' kondotta u r-relazzjoni tiegħu mal-OE u s-servizzi l-oħra tal-Grupp tal-BEI.

5.1.2 L-MI-BEI huwa parti mill-Ispettorat Ġenerali (IG) indipendenti, immexxi mill-Ispettur Ġenerali. Il-Kap tal-MI-BEI huwa l-Prinċipal tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI u, taħt l-awspiċi tal-Ispettur Ġenerali indipendenti, huwa responsabbli għall-ġestjoni, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, u l-monitoraġġ tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti.

5.1.3 Il-missjoni tal-MI-BEI bħala mekkaniżmu intern hija li jittratta b'mod ċentrali u oġġettiv l-ilmenti esterni kollha li jikkonċernaw allegata amministrazzjoni ħażina mill-Grupp tal-BEI. L-MI-BEI jittratta wkoll l-ilmenti ppreżentati kontra l-Grupp tal-BEI quddiem l-OE u l-ilmenti mhux ġudizzjarji l-oħra kollha ppreżentati quddiem istituzzjonijiet jew korpi internazzjonali u li (direttament jew indirettament) jikkonċernaw lill-Grupp tal-BEI.

5.1.4 L-MI-BEI huwa indipendenti mill-attivitajiet operattivi sabiex ikun żgurat li kull ilment jiġi ttrattat billi jiġu applikati l-ogħla standards ta' oġġettività filwaqt li jiġu salvagwardjati l-interessi tal-partijiet interessati interni u esterni kollha tal-Grupp tal-BEI. L-indipendenza operattiva u l-effettività tal-MI-BEI, bħala parti mill-Ispettorat Ġenerali, huma assigurati mill-Kap tal-MI-BEI li huwa responsabbli għal (i) l-ammissibbiltà tal-ilmenti, (ii) it-tip ta' medjazzjoni u/jew investigazzjoni li għandha titwettaq għal ilment partikolari u (iii) id-deċiżjoni dwar il-verżjoni finali tar-rapporti tal-MI-BEI.

5.1.5 L-MI-BEI jissottometti r-rapporti finali tiegħu relatati mal-każ (Rapporti tal-Konklużjonijiet u Rapporti ta' Medjazzjoni kif definiti skont il-Proċeduri) lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI, jew lill-Kap Eżekuttiv tal-FEI għal kwistjonijiet relatati mal-FEI.

5.1.6 Minbarra l-ilmenti ppreżentati minn partijiet interessati esterni, inkjesta tal-MI-BEI (valutazzjoni, investigazzjoni jew proċess ta' medjazzjoni) tista' tinbeda:

- B'talba speċifika tal-President, tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI jew tal-Kap Eżekuttiv tal-FEI;
- Mill-Ispettur Ġenerali, jew fuq inizjattiva proprja tiegħu, jew abbażi ta' proposta motivata mill-Kap tal-MI-BEI.

5.1.7 L-MI-BEI għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod imparzjali, waqt li jirrikonoxxi l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet attribwiti lis-servizzi l-oħra tal-Grupp tal-BEI.

5.1.8 L-MI-BEI għandu jinstema' dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-mandat tiegħu u jista' jiżvela u jaqbel li jiżvela s-sejbiet tiegħu skont ir-regoli u l-istandards li japplikaw għall-Grupp tal-BEI.

5.1.9 L-MI-BEI jassisti lill-Grupp tal-BEI billi jagħti pariri dwar titjib possibbli fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu għall-iskop komuni ta' amministrazzjoni tajba.

5.1.10 L-MI-BEI jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' strateġiji, politiki u proċeduri relatati mat-trattament tal-ilmenti u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom.

5.1.11 Minħabba n-natura tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti, l-MI-BEI jinteraġixxi mas-servizzi kollha tal-Grupp tal-BEI, waqt li jżomm l-indipendenza operattiva tiegħu. L-MI-BEI għandu jkun ħieles minn interferenza interna u esterna fil-ħruġ u l-pubblikazzjoni tar-rapporti pubbliċi tiegħu u dokumenti relatati, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi korrispondenti tal-Korpi ta' Governanza tal-Grupp tal-BEI.

5.1.12 Biex jevita lmenti futuri possibbli, l-MI-BEI jeżamina dokumenti rilevanti u jsegwi l-attivitajiet ta' partijiet interessati esterni li huma attivi fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-Grupp tal-BEI.

5.1.13 Se jiġi pprovdut appoġġ baġitarju adegwat lill-MI-BEI sabiex jiġi żgurat li jkun effettiv fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu b'mod tempestiv.

5.2 **Awtorità u responsabbiltà**

5.2.1 Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tiegħu li jirrispetta s-segretezza professjonali f'konformità mal-liġijiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 339 TFUE u l-liġi applikabbli tal-UE (b'mod partikolari r-Regolament u d-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq u l-politiki rilevanti tal-Grupp tal-BEI), fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tiegħu, l-MI-BEI għandu d-dritt li jikseb aċċess għal kwalunkwe informazzjoni u l-informazzjoni kollha neċessarja għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu. B'riżultat ta' dan, il-persunal tal-Grupp tal-BEI għandu d-dmir li jikkoopera mal-MI-BEI fil-pront, b'mod sħiħ u b'mod effiċjenti skont il-Politika u l-Proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI, speċjalment bil-għan li jiġu rrispettati l-iskadenzi kif ukoll sabiex jiġu osservati l-istandards u l-politiki tal-Grupp tal-BEI. Malli jirċievu lment, il-membri tal-persunal tal-Grupp tal-BEI jridu jgħadduh immedjatament lill-MI-BEI.

5.2.2 Sabiex tittejjeb l-indipendenza operattiva tal-MI-BEI, il-persunal tal-Grupp tal-BEI li jaħdem ma' jew jissorvelja l-MI-BEI huwa mistenni li japplika u josserva regoli ta' kondotta speċifiċi. Id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti minn dawn ir-regoli jridu jiġu eżerċitati skont il-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-Persunal tal-BEI/FEI u f'politiki u regolamenti oħra applikabbli għall-persunal tal-BEI/FEI.

5.2.3 Fid-dawl tan-natura u l-mandat tal-MI-BEI, dan tal-aħħar huwa impenjat li jikkonsulta u jiskambja informazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, inklużi komunitajiet emarġinati u gruppi vulnerabbli, bil-għan li jiżgura kollaborazzjoni kostruttiva.

5.3 **Funzjonijiet**

5.3.1 L-MI-BEI għandu l-erba' funzjonijiet li ġejjin:

- <u>Funzjoni ta' Investigazzjoni tal-Ilmenti</u> – l-MI-BEI huwa responsabbli għal investigazzjonijiet/reviżjonijiet tal-konformità fir-rigward ta' lmenti kontra l-Grupp tal-BEI;
- <u>Funzjoni ta' Medjazzjoni</u> – l-MI-BEI jipprovdi forom differenti ta' medjazzjoni bejn l-ilmentatur u/jew il-Promotur tal-Proġett bil-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali u/jew is-servizzi rilevanti tal-Grupp tal-BEI kull fejn ikun xieraq;
- Funzjoni Konsultattiva – (fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltajiet tiegħu) – l-MI-BEI jipprovdi l-parir bil-miktub tiegħu lit-Tmexxija tal-BEI u/jew lill-KE/VKE tal-FEI internament dwar kwistjonijiet aktar wiesgħa u sistemiċi relatati ma' politiki, standards, proċeduri, linji gwida, riżorsi u sistemi, fuq il-bażi tat-tagħlimiet miksuba mill-ilmenti;
- <u>Funzjoni ta' Monitoraġġ</u> – l-MI-BEI jimmonitorja l-iżviluppi ulterjuri u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi u r-rakkomandazzjonijiet maqbula fil-kuntest tal-ilmenti magħluqa, inklużi l-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni, kif ukoll ir-risposta tal-Grupp tal-BEI għall-opinjonijiet konsultattivi tiegħu.

5.3.2 Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, l-MI-BEI:

- Jivvaluta t-tħassib ta' amministrazzjoni ħażina mqajjem mill-ilmentatur(i);
- Jevalwa u jirrapporta l-konformità mal-qafas regolatorju rilevanti tal-Grupp tal-BEI għal kull ilment ammissibbli;
- Jipprevjeni l-okkorrenza potenzjali ta' amministrazzjoni ħażina billi jikkontribwixxi għas-soluzzjoni tal-problemi identifikati;
- F'kooperazzjoni mal-partijiet interessati interni u esterni rilevanti, jipprova jsolvi l-problemi mqajma mill-ilmentaturi permezz ta' proċess kunsenswali filwaqt li jaġixxi bħala funzjoni ta' soluzzjoni tal-problemi jew ta' soluzzjoni preventiva tat-tilwim;
- Jipprovdi pariri u rakkomandazzjonijiet lit-Tmexxija tal-BEI u/jew lill-KE/VKE tal-FEI;
- Isegwi u jirrapporta dwar sforzi sabiex jittieħdu azzjonijiet korrettivi kull meta jkun applikabbli.

5.3.3 Sabiex jiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn il-funzjonijiet, l-MI-BEI huwa ffukat predominantement fuq il-konformità. Ir-reviżjoni tal-konformità tal-MI-BEI mhuwiex neċessarjament limitat għal investigazzjoni tal-konformità mal-politiki u l-proċeduri eżistenti (li huwa aktar bħal eżerċizzju ta' mmarkar tal-kaxxi), iżda jista' jinkludi wkoll reviżjoni sostantiva tal-konformità mal-istandards, speċjalment fil-każ ta' lmenti li jirrigwardaw l-impatti ambjentali u soċjali.

L-MI-BEI jirrevedi l-attivitajiet tal-Bank u tal-FEI bil-għan li jistabbilixxi jekk tkunx seħħet amministrazzjoni ħażina attribwibbli lill-Bank jew lill-Fond. Għal dan il-għan, l-MI-BEI jirrevedi jekk is-servizzi tal-BEI jkunux ipprovdew spjegazzjoni konsistenti u raġonevoli tal-pożizzjoni tagħhom, u jekk din tkunx ibbażata fuq informazzjoni sħiħa, preċiża u affidabbli, li kienet identifikabbli f'dak iż-żmien. Billi juża għarfien espert tekniku meta meħtieġ, l-MI-BEI jirrevedi l-fatti sabiex jistabbilixxi opinjoni indipendenti dwar jekk kienx hemm żball ċar fil-pożizzjoni tal-Bank jew ksur ċar tar-regoli li kienu

japplikaw għas-servizzi f'dak iż-żmien. Ir-reviżjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-MI-BEI mhumiex maħsuba sabiex jissostitwixxu l-ġudizzju professjonali tas-servizzi.

reviżjonijiet bħal dawn jinkludu iżda mhumiex limitati għal sitwazzjonijiet fejn:

- Ikun hemm diskrepanzi kbar bejn, fuq naħa waħda, l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur jew li tkun disponibbli mod ieħor fid-dominju pubbliku u, fuq in-naħa l-oħra, l-informazzjoni pprovduta mis-servizzi tal-Grupp tal-BEI kkonċernati u/jew mill-Promotur;
- Ikun hemm indikazzjoni ċara li s-servizzi tal-Grupp tal-BEI kkonċernati ma jkunux eżaminaw l-informazzjoni pprovduta mill-Promotur jew minn awtoritajiet internazzjonali, nazzjonali jew lokali rilevanti oħra bħala parti mid-diliġenza dovuta jew il-monitoraġġ tal-Grupp tal-BEI.

5.3.4 Kull meta jkun applikabbli, l-MI-BEI għandu mandat ukoll għal *soluzzjoni tal-problemi u/jew medjazzjoni*, li jistgħu jikkostitwixxu alternattiva kredibbli għall-investigazzjonijiet sħaħ. Meta jwettaq funzjoni ta' soluzzjoni tal-problemi jew ta' soluzzjoni tat-tilwim, l-MI-BEI jiffaċilita d-djalogu sabiex jinstabu soluzzjonijiet xierqa li jaqblu magħhom il-partijiet kollha.

5.3.5 Is-separazzjoni ċara tal-funzjoni ta' medjazzjoni mill-funzjoni ta' investigazzjoni, b'persunal separat, tassigura li tal-ewwel tiġi mmaniġġjata bħala funzjoni indipendenti u imparzjali fi ħdan l-MI-BEI bil-kompetenza esperta u r-riżorsi neċessarji f'termini ta' soluzzjoni tal-problemi.

### 5.4 Rappurtar regolari

5.4.1 L-MI-BEI jipprovdi lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI, lill-President tal-Kumitat tal-Verifika tal-BEI u lill-Kap Eżekuttiv tal-FEI b'Rapport Trimestrali, li jinkludi lista ta':

- L-ilmenti ġodda rreġistrati;
- L-ilmenti li jkunu qed jiġu ttrattati;
- L-ilmenti magħluqa.

Għal kull ilment, l-MI-BEI jipprovdi deskrizzjoni qasira ta' (i) it-tħassib imqajjem, (ii) il-ħidma mwettqa u (iii) il-passi li jmiss.

5.4.2 L-MI-BEI jiltaqa' b'mod annwali mal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI u mal-Kap Eżekuttiv tal-FEI għal ilmenti relatati mal-FEI sabiex jeżaminaw il-programm ta' ħidma tiegħu u jiżguraw fehim komuni tal-objettivi, ir-rwol, il-ħtiġijiet u l-funzjonament tal-Mekkaniżmu.

5.4.3 Rapport Annwali dwar l-MI-BEI, li jinkludi d-deċiżjonijiet meħuda fuq ir-rakkomandazzjonijiet mill-MI-BEI jew mill-OE, jiġi ppreżentat lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI u lill-Kap Eżekuttiv tal-FEI biex dawn jieħdu nota tal-kontenut tiegħu. Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI u l-Kap Eżekuttiv tal-FEI jissottomettuh rispettivament lill-Bord tad-Diretturi tal-BEI u lill-Bord tad-Diretturi tal-FEI biex dawn jieħdu nota tal-kontenut tiegħu u jiddiskutu t-tagħlimiet emerġenti. Ir-Rapport Annwali jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-BEI, b'kont meħud ta' kwalunkwe restrizzjoni minħabba l-kunfidenzjalità.

5.4.4 Darbtejn fis-sena, l-MI-BEI jinforma lill-Bord tad-Diretturi tal-BEI jew lill-Bord tad-Diretturi tal-FEI dwar l-istatus u l-eżitu tal-ilmenti li jkunu ġew ippreżentati lill-MI-BEI kif ukoll tal-ilmenti kontra l-Grupp tal-BEI li jkunu ġew ippreżentati quddiem l-OE.

5.4.5 Bħala parti mir-rappurtar tiegħu, l-MI-BEI jiżviluppa metodoloġija u proċeduri għall-kejl tas-sodisfazzjon tal-partijiet interessati esterni u tas-servizzi tal-Grupp tal-BEI bil-prestazzjoni, jiġifieri l-eżitu u, fejn ikun possibbli, l-impatt tar-reviżjoni tal-konformità jew tal-proċessi ta' medjazzjoni fuq l-ilmentatur u partijiet interessati oħra.

## 6. Trattament tal-ilmenti

### 6.1 Kompiti

6.1.1 Fil-kuntest tat-trattament ta' lment, l-MI-BEI jwettaq il-kompiti li ġejjin:

a) Jiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tal-ilment skont il-proċeduri operattivi;
b) Jinnotifika r-reġistrazzjoni tal-ilment lis-servizzi tal-Grupp tal-BEI rilevanti;
c) Jikkonferma l-wasla ta' lmenti ppreżentati lill-Grupp tal-BEI;
d) Jiġbor u jeżamina l-informazzjoni eżistenti dwar is-suġġett tal-ilment;
e) Jipprova jsolvi l-kwistjonijiet li jwasslu għall-ilmenti f'kooperazzjoni ma' partijiet interessati interni u esterni;

f) Jidentifika l-politika, il-proċedura jew l-istandard jew il-qafas regolatorju applikabbli li allegatament ikunu ġew miksura;
g) Iwettaq inkjesti xierqa bil-għan li jivvaluta jekk il-Grupp tal-BEI jkunx qiegħed jikkonforma mal-qafas regolatorju applikabbli, inklużi l-politiki, il-proċeduri jew l-istandards proprji tiegħu;
h) Jikseb l-informazzjoni u l-opinjonijiet interni kollha possibbli dwar l-ilment mis-servizzi differenti involuti;
i) Jiżgura involviment xieraq tal-partijiet interessati permezz ta' tiftix tal-fatti, medjazzjoni, konċiljazzjoni u faċilitar tad-djalogu kull fejn ikun xieraq;
j) Jikkoordina ma' istituzzjonijiet Ewropej oħra (eż. il-Kummissjoni Ewropea, l-OE, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew) u organizzazzjonijiet internazzjonali (eż. il-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus) kull fejn ikun xieraq;
k) Jirrapporta dwar is-sejbiet, jagħmel proposti dwar azzjonijiet korrettivi u/jew rakkomandazzjonijiet rigward titjib possibbli tal-proċeduri eżistenti f'każ li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jirriżultaw minn sejbiet ta' amministrazzjoni ħażina, u joħroġ ir-rapporti tiegħu għas-sottomissjoni lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI jew lill-Kap Eżekuttiv tal-FEI għall-konsiderazzjoni;
l) Ifassal risposti xierqa lill-ilmentatur jew, jew meta jkun qiegħed jittratta lmenti ppreżentati kontra l-Grupp tal-BEI lil istituzzjonijiet/korpi oħra, lill-istituzzjoni rilevanti (eż. l-OE, il-KEPD);
m) Jiżgura li l-iskadenzi u l-avviżi imposti u/jew maqbula jiġu rrispettati;
n) Iwettaq monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maqbula meta jkun neċessarju.

6.1.2 Wara r-reġistrazzjoni, il-proċess tat-trattament tal-ilmenti jinkludi l-fażijiet li ġejjin:

- ***Valutazzjoni Inizjali***;
- ***Investigazzjoni***, jekk titqies neċessarja wara l-Valutazzjoni Inizjali;
- ***Medjazzjoni***, jekk applikabbli u maqbula mill-partijiet involuti;
- ***Rappurtar***;
- ***Konsultazzjoni*** dwar l-abbozz ta' rapporti;
- ***Għeluq*** tal-każ u ħruġ tar-rapport finali;
- ***Segwitu*** tar-rakkomandazzjonijiet jekk applikabbli.

6.1.3 Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi, il-fażijiet differenti tal-proċess tat-trattament tal-ilment huma modulati skont (i) il-kumplessità tal-ilment, (ii) l-eżistenza ta' "bnadar ħomor" li jindikaw li l-ilment jista' jitwaqqaf u (iii) il-fatti żvelati waqt il-proċess ta' valutazzjoni/investigazzjoni. Għal dan il-għan, il-fażijiet differenti huma adattati f'termini tal-kompiti mwettqa, il-profondità tal-analiżi mwettqa, il-livell ta' involviment tal-partijiet interessati u l-ammont ta' riżorsi allokati.

6.1.4 L-ilmenti ppreżentati lill-MI-BEI ma għandhomx effett sospensiv fuq l-azzjonijiet/ommissjonijiet u d-deċiżjonijiet ikkontestati. Madankollu, matul it-trattament tal-ilment, jekk jitqies neċessarju, l-MI-BEI jista' jindirizza lill-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI jew lill-Kap Eżekuttiv tal-FEI, b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi jekk applikabbli.

## 6.2 Metodoloġija tal-inkjesta

6.2.1 Il-proċedura bil-miktub li tikkonsisti fl-iskambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet ikkonċernati u r-reviżjoni interna, tikkostitwixxi l-proċedura investigattiva prinċipali tal-MI-BEI.

6.2.2 Billi jqis in-natura ta' kwalunkwe lment partikolari, l-MI-BEI jista' juża varjetà ta' metodi investigattivi addizzjonali, li jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

- Jikkuntattja lill-ilmentatur, lill-persuni affettwati, lill-uffiċjali tal-gvern u lill-awtoritajiet tal-proġett tal-pajjiż fejn ikun jinsab il-proġett, lill-promoturi ta' proġetti/operazzjonijiet iffinanzjati mill-Grupp tal-BEI u lir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi lokali u internazzjonali;
- Jagħmel żjarat f'siti tal-proġett;
- Jitlob sottomissjonijiet bil-miktub jew orali dwar kwistjonijiet speċifiċi mill-ilmentatur, il-persuni affettwati, esperti indipendenti, uffiċjali tal-gvern jew tal-proġett, il-promoturi ta' proġetti/operazzjonijiet iffinanzjati mill-Grupp tal-BEI, il-persunal tal-Grupp tal-BEI, jew organizzazzjonijiet mhux governattivi lokali jew internazzjonali;
- Iqabbad esperti indipendenti biex jagħmlu riċerka dwar kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-ilment.

6.2.3 L-MI-BEI huwa impenjat li jinvolvi lill-ilmentatur, u lill-partijiet interessati interni u esterni rilevanti kollha b'mod ġenerali, permezz ta' djalogu strutturat bil-għan li jiġbor data u informazzjoni addizzjonali li tkun rilevanti għall-ipproċessar tal-ilment. Fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu, l-MI-BEI japplika l-proċeduri tiegħu li jinkludu, kull fejn ikun meħtieġ, l-involviment tal-partijiet interessati fuq il-bażi tat-tip ta' lment u tal-ilmentatur. Huwa importanti li t-trattament ta' dawn l-ilmenti jikkunsidra b'mod xieraq ir-relazzjoni bejn il-Grupp tal-BEI u l-Promotur, li, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor, hija mmaniġġjata mis-servizz kompetenti tal-Grupp tal-BEI. Barra minn hekk, il-proċeduri u l-eżiti għandhom (i) ikunu f'waqthom kif ukoll ċari u sodi rigward it-tul ta' żmien tal-investigazzjoni / reviżjoni tal-konformità jew medjazzjoni; (ii) jinvolvu lis-servizzi tal-Grupp tal-BEI u (iii) ikunu konsistenti maż-żmien.

6.2.4 Kull fejn ikun possibbli, u billi jagħti konsiderazzjoni xierqa għat-tip ta' lment, l-MI-BEI jistabbilixxi proċess ta' riżoluzzjoni kollaborattiv bil-għan li tissolva t-tilwima billi (i) jinkiseb fehim aħjar u komuni; (ii) jittejjeb il-grad ta' fiduċja bejn il-partijiet u (iii) jitfittex li tiġi identifikata soluzzjoni maqbula komuni.

6.2.5 Għal kull ilment ammissibbli, l-MI-BEI jirreġistra s-sejbiet u l-konklużjonijiet tiegħu. Kull fejn ikun xieraq, dan jieħu l-forma ta' Rapport tal-Konklużjonijiet jew Rapport tal-Medjazzjoni kif deskritt fil-Proċeduri.

6.2.6 Fir-Rapport tal-Konklużjonijiet tiegħu, l-MI-BEI jista' jipproponi azzjonijiet korrettivi operattivi u jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar titjib għal politiki u/jew proċeduri eżistenti f'każ li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jirriżultaw minn sejbiet ta' amministrazzjoni ħażina. L-azzjonijiet korrettivi maqbula mas-servizzi jew approvati mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI (rispettivament il-Kap Eżekuttiv tal-FEI għal kwistjonijiet relatati mal-FEI) iridu jinkludu pjan ta' implimentazzjoni kif ukoll qafas ta' żmien dettaljat. L-MI-BEI, f'kollaborazzjoni mas-servizzi tal-Grupp tal-BEI kkonċernati, jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet maqbula, kull fejn ikun xieraq u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data tar-Rapport tal-Konklużjonijiet.

6.2.7 Jekk l-allegazzjonijiet fl-ilment jirrigwardaw ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE fi proġetti li jinsabu fi ħdan l-UE, l-MI-BEI jista' jirrakkomanda li l-Grupp tal-BEI jinforma lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-ilment u jibgħat ir-Rapport tal-Konklużjonijiet finali.

6.2.8 F'każ li l-ilmentatur jidhirlu li l-azzjonijiet korrettivi miftiehma ma jkunux implimentati b'mod korrett jew fiż-żmien impost, huwa jista' jissottometti lment u l-MI-BEI jirrevedi l-każ.

<u>Ċiklu ta' proġett</u>

6.2.9 Jekk ilment dwar proġett jasal fl-istadju ta' qabel il-valutazzjoni11, it-tħassib espress jiġi mgħoddi lis-servizzi rilevanti. Ilmenti dwar operazzjonijiet ta' Assistenza Teknika, fil-kuntest ta' proġett li jista' jiġi kkunsidrat mill-BEI, jiġu eżaminati fuq il-merti proprji tagħhom, għal raġunijiet amministrattivi biss.

6.2.10 Jekk ilment dwar proġett jasal fl-istadju tal-valutazzjoni12, u l-azzjoni kkontestata tkun għadha ma tteħditx (jew, fil-każ ta' ommissjoni, iż-żmien biex il-Grupp tal-BEI jieħu azzjoni jkun għadu ma skadiex), l-ilment jiġi nnotifikat lis-servizzi kkonċernati u jiġi segwit mill-MI-BEI f'konformità mal-proċeduri tal-MI-BEI. Malli l-proposta għall-finanzjament tiġi approvata mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI, rispettivament il-Bord tad-Diretturi tal-FEI, japplika l-proċess ta' trattament tal-ilmenti applikabbli, skont it-tip ta' lment[13].

## 6.3 Konsultazzjoni

6.3.1 Il-ħidma tal-MI-BEI hija bbażata fuq konsultazzjoni mal-partijiet interessati kkonċernati. L-objettivi tal-proċessi ta' konsultazzjoni huma li:

- Jiġu eliminati l-iżbalji fattwali u/jew l-ommissjonijiet;
- Jiġu ċċarati kwistjonijiet li jkunu ġew mifhuma ħażin;
- Tiġi pprovduta evidenza ġdida sostanzjali u materjali, jekk ikun hemm;
- Jiġu inkorporati d-deċiżjonijiet meħuda, jekk ikun hemm, fuq il-bażi tas-sejbiet u l-konklużjonijiet ipprovduti;
- Jiġu espressi fehmiet dwar is-sustanza tal-allegazzjonijiet.

[11] Qabel id-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI li jagħmel valutazzjoni.
[12] Wara d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI li jagħmel valutazzjoni.
[13] F'ħafna każijiet, il-proġett jiġi approvat b'għadd ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mill-Mutwatarju qabel ma l-BEI joħroġ il-fondi. F'każijiet bħal dawn, l-MI-BEI jimmassimizza l-kollaborazzjoni mas-servizzi sabiex jiżgura li jkun hemm koordinazzjoni tajba bejn il-ħidma li tkun għaddejja tas-servizzi u l-attivitajiet tal-MI-BEI.

6.3.2 Konsultazzjoni tfisser (i) li jiġu mistiedna l-kummenti u (ii) li jiġu kkunsidrati.

Rigward il-punt (i), il-proċess ma jistax jiġi imblokkat minn nuqqas li wieħed iwieġeb għall-konsultazzjoni. Jekk ma jaslux kummenti sal-iskadenza, l-MI-BEI jipproċedi għall-istadju li jmiss abbażi ta' ftehim taċitu.

Rigward il-punt (ii), l-MI-BEI jrid jirrispondi għall-kummenti kritiċi dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, iżda ma għandux għalfejn jikseb il-qbil tal-partijiet ikkonsultati qabel ma l-proċess jgħaddi għall-istadju li jmiss.

## 7. Relazzjonijiet esterni

7.1 Kull meta lment ikun jikkonċerna proġett tal-BEI jew operazzjoni tal-FEI li jinvolvi/tinvolvi istituzzjonijiet ta' finanzjament internazzjonali oħra li jkollhom mekkaniżmu indipendenti ta' responsabbiltà, l-MI-BEI jinforma lill-mekkaniżmi tal-ilmenti tal-istituzzjoni ta' finanzjament l-oħra dwar l-ammissibbiltà tal-ilment u għandu jipprova jikkollabora ma' dak il-mekkaniżmu. L-opportunitajiet ta' kollaborazzjoni jinkludu l-qsim ta' informazzjoni u l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati d-differenzi bejn il-mekkaniżmi f'termini tal-mandat, il-politiki u l-proċeduri applikabbli għat-trattament tal-ilmenti u l-obbligu tas-segretezza professjonali, ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data. Madankollu, is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-MI-BEI jkunu indipendenti.

7.2 L-MI-BEI huwa membru tal-grupp ta' pari tal-Mekkaniżmi Internazzjonali ta' Responsabbiltà tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u jipparteċipa fil-laqgħat regolari tal-grupp.

7.3 L-MI-BEI jżomm kuntatti proattivi u kooperattivi mal-istituzzjonijiet, il-korp u l-atturi mhux statali esterni rilevanti kollha, li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-OE, funzjonijiet oħra tal-mekkaniżmu tal-ilmenti, esperti esterni u OSĊ.

## 8. Pubblikazzjoni u Sensibilizzazzjoni

8.1 Il-Politika u l-Proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, kemm fuq is-siti web tal-BEI u tal-FEI kif ukoll bħala kopja stampata.

8.2 Il-paġni web inizjali tal-Grupp tal-BEI jipprovdu link diretta għas-sit web tal-MI-BEI (www.eib.org/complaints) fejn informazzjoni komprensiva u aġġornata dwar ir-rwol u l-proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI, inkluża informazzjoni statistika ġenerali, tiġi ppubblikata fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea. Għall-membri tal-pubbliku li ma għandhomx aċċess għall-internet, fuljett b'formola tal-ilmenti mehmuża jiġi ppubblikat għad-distribuzzjoni lill-OSĊ lokali u membri oħra tal-pubbliku permezz tal-uffiċċji esterni tal-Grupp tal-BEI.

8.3 Aktar informazzjoni dwar il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI hija disponibbli permezz ta' għodod ta' informazzjoni li jiġu distribwiti permezz tad-delegazzjonijiet uffiċjali tal-Grupp tal-BEI fi ħdan u barra mill-UE, bħad-dokumenti disponibbli għall-pubbliku dwar il-proġetti jew il-laqgħat ta' informazzjoni għall-partijiet interessati esterni waqt il-proċessi ta' konsultazzjoni dwar il-proġetti.

8.4 Il-Grupp tal-BEI huwa impenjat li jżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI fl-oqsma kollha tal-attività tiegħu. Bħala wieħed mill-mezzi biex jikseb dan, l-MI-BEI huwa impenjat li jorganizza sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-pubbliku ġenerali fir-reġjuni fejn jopera l-Grupp tal-BEI. Barra minn hekk, u bil-għan li jittejjeb il-fehim kondiviż tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI, l-MI-BEI huwa impenjat li jorganizza sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni interna perjodiċi mal-persunal tas-servizzi tal-Grupp tal-BEI.

8.5 Inizjattivi oħra ta' komunikazzjoni jistgħu jikkumplimentaw dawn il-miżuri bil-għan li tiġi żgurata l-akbar sensibilizzazzjoni dwar il-politiki tal-Grupp tal-BEI fil-qasam tar-responsabbiltà.

8.6 B'kont meħud tar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità tal-ilmentatur, kif ukoll il-protezzjoni tad-data personali ta' partijiet terzi, l-informazzjoni li ġejja tiġi pprovduta u aġġornata fuq bażi regolari f'parti speċifika tas-sit web tal-BEI (http://www.eib.org/about/accountability/complaints/index.htm):

- Kif tuża l-mekkaniżmu;
- Formola tal-ilmenti;
- Politika u Proċeduri;
- Ilmenti:
  - Informazzjoni ewlenija (eż. allegazzjonijiet, sommarju, status);
  - Rapporti ta' Valutazzjoni Inizjali (verżjonijiet finali);

    - Rapporti tal-Konklużjonijiet (verżjonijiet finali);
- Rapporti Annwali;
- Oħrajn.

8.7 Is-sit web tal-MI-BEI se jinkludi Reġistru Pubbliku tal-Ilmenti b'informazzjoni dettaljata u aġġornata dwar il-każijiet kollha, inklużi l-attivitajiet ta' segwitu u r-raġunijiet għall-għeluq ta' kull każ. L-informazzjoni żvelata tqis ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli.

## 9. Reviżjoni u Konsultazzjoni

9.1 Tal-anqas kull ħames snin, l-MI-BEI se jikkunsidra l-ħtieġa li jniedi reviżjoni ta' din il-Politika, inkluża konsultazzjoni mal-partijiet interessati tal-Grupp tal-BEI. F'konformità mal-istruttura operattiva tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI (li tikkonsisti minn livell intern kif ukoll wieħed estern), il-Grupp tal-BEI jirrevedi l-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tiegħu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-OE.

9.2 It-tħassib espress mill-OSĊ, kif ukoll is-suġġerimenti ta' konsulenzi ta' fama internazzjonali speċjalizzati fil-qasam tal-akkontabilità, jiġu valutati u l-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI jiġi adattat kif meħtieġ bil-għan li jiġu inkorporati l-inputs xierqa.

9.3 Il-Politika dwar il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI tiġi approvata mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI u tal-FEI fuq proposta mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI u l-KE/VKE tal-FEI. Fejn ikun meħtieġ, il-Kumitat ta' Tmexxija tal-BEI u l-KE/VKE tal-FEI jistgħu jemendaw il-Proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI abbażi ta' proposta mill-MI-BEI, f'konsultazzjoni mas-servizzi tal-Grupp tal-BEI u wara konsultazzjoni mal-OE waqt li jiżguraw li l-modifika tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Politika.

## Anness 1 L-OMBUDSMAN EWROPEW

### 1. Min jista' jilmenta?

1.1. Jekk ċittadini tal-UE, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru tal-UE, iħossu li l-Grupp tal-BEI ma jkunx ittratta l-ilment tagħhom b'mod tempestiv u/jew korrett, huma jistgħu, skont l-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u irrispettivament minn jekk ikollhomx interess dirett fl-allegata amministrazzjoni ħażina, jippreżentaw ilment kontra l-Grupp tal-BEI quddiem l-Ombudsman Ewropew.

1.2. Barra minn hekk, wara l-Memorandum ta' Qbil iffirmat mill-Grupp tal-BEI u l-Ombudsman Ewropew, dan tal-aħħar jimpenja ruħu li juża s-setgħa ta' inizjattiva proprja tiegħu b'mod sistematiku biex jittratta lmenti ppreżentati kontra l-BEI minn ilmentaturi mhux eliġibbli.

### 2. Kif isir Ilment

2.1 Ilment jista' jiġi ppreżentat lill-Ombudsman Ewropew fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, fejn jiġu ppreżentati b'mod ċar l-identità tal-ilmentatur u r-raġunijiet tal-ilment. L-ilment jista' jiġi ppreżentat bil-posta, faks jew email. Sabiex jiġi żgurat li tiġi pprovduta l-informazzjoni neċessarja kollha, hija disponibbli formola ta' lment mill-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew jew mis-sit web li ġej: http://www.ombudsman.europa.eu.

### 3. Suġġett tal-ilment

3.1. L-ilmenti kontra l-Grupp tal-BEI jistgħu jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-Grupp tal-BEI fid-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet u/jew l-ommissjonijiet tiegħu. Kif uriet s'issa l-prattika tal-Ombudsman Ewropew, l-allegazzjonijiet l-aktar komuni huma l-irregolaritajiet amministrattivi, in-nuqqas li tingħata risposta, id-dewmien bla bżonn, ir-rifjut ta' informazzjoni, l-inġustizzja, id-diskriminazzjoni u l-abbuż ta' poter.

#### a. Eliġibbiltà

L-Ombudsman Ewropew ma jistax jinvestiga lmenti kontra amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, anki meta l-ilmenti jkunu jirreferu għall-kamp ta' attivitajiet tal-Grupp tal-BEI. Ilmenti bħal dawn għandhom jiġu indirizzati lill-ombudsmen nazzjonali/lokali/speċjali jew lill-kumitati għall-petizzjonijiet fil-parlamenti nazzjonali/reġjonali.

L-Ombudsman Ewropew ma jistax jittratta kwistjonijiet li jkunu jinstabu quddiem qorti jew li jkunu diġà ġew deċiżi minn qorti.

Qabel jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew, l-ilmentaturi għandhom jirrikorru għall-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-Grupp tal-BEI. L-Ombudsman Ewropew iqis li r-rekord ta' kif il-Grupp tal-BEI jkun ittratta l-kwistjonijiet imqajma fl-ilment permezz tal-mekkaniżmi u l-proċeduri interni proprji tiegħu huwa l-punt ta' tluq xieraq għar-reviżjoni tiegħu. L-ilmenti għalhekk għandhom jinkludu spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex l-ilmentaturi jikkontestaw ir-rekord jew il-pożizzjoni tal-Grupp tal-BEI kif ippreżentata fih[14].

#### b. Terminu sabiex isiru l-ilmenti

Ilment irid jiġi ppreżentat fi żmien sentejn mid-data li fiha l-fatti li jkun ibbażat fuqhom ikunu ġew għall-attenzjoni tal-persuna li tippreżenta l-ilment.

[14] L-Artikolu 2.4 tal-Istatut tal-Ombudsman Ewropew jistipula li għall-ilmenti, "qabel dan, għandhom jittieħdu l-passi amministrattivi xierqa amministrattivi xierqa fir-rigward tal-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata". Ara wkoll il-Memorandum ta' Qbil bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Bank Ewropew tal-Investiment, Lulju 2008.

### c. Eżitu tal-proċedura quddiem l-Ombudsman Ewropew

Jekk l-Ombudsman iqis li lment jista' jiġi solvut, l-Ombudsman għandu jfittex soluzzjoni mal-istituzzjoni kkonċernata. L-Ombudsman jista' jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet għal titjib dwar kwistjonijiet relatati mal-inkjesta. Fejn l-Ombudsman isib li ma kien hemm ebda amministrazzjoni ħażina, li tkun instabet soluzzjoni jew li ma tkun ġustifikata l-ebda inkjesta ulterjuri, l-inkjesta għandha tingħalaq b'deċiżjoni li tippreżenta s-sejbiet.

Fejn l-Ombudsman isib li kien hemm amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman għandu jagħmel kwalunkwe rakkomandazzjoni xierqa lill-istituzzjoni kkonċernata u jitlob lill-istituzzjoni sabiex tipprovdi opinjoni fi żmien tliet xhur. L-Ombudsman, wara li janalizza l-opinjoni tal-istituzzjoni u kwalunkwe kumment ippreżentat mill-ilmentatur, jista' jagħlaq l-inkjesta billi jippreżenta s-sejbiet definittivi. Jekk l-istituzzjoni ma taċċettax ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman, din tista' tagħmel rapport speċjali lill-Parlament Ewropew.

CORPORATE

Il-Grupp tal-BEI

# Politika dwar il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti

Novembru 2018

Bank Ewropew tal-Investiment
il-bank tal-UE

EUROPEAN INVESTMENT FUND

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment**
98 -100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Il-Lussemburgu
+352 4379-22000
**www.eib.org** – **info@eib.org**

© European Investment Bank, 04/2019 MT